MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 350/2009

**AB**
**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha X B, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-27 ta' Lulju 2007, hekk kif jirrizulta mill-estratt tal-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. AF 1;

2. Illi l-kontendenti ghandhom tifel minuri mill-imsemmi zwieg u cioe' X B.

3. Illi l-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, stante illi l-istess konvenut huwa hati ta' adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tieghu fil-konfront ta' l-istess rikorrenti, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku ta' l-istess konvenut;

4. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu bl-istanti permezz tad-Digriet appositu ta' dina l-Onorabbli Qorti; Digriet numru 1422/09 datat 16 ta' Settembru 2009;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

***1.*** Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat u tawtorizza lill-esponenti tghix separatament minn mal-intimat;

***2.*** Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghaliha u ghall-minuri X B, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut kull sena;

***3.*** Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici;

***4.*** Tapplika kontra l-konvenut l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-artikoli 48, 51, 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza izda mhux biss l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mill-attrici.

***5.*** Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjon lill-esponenti u porzjon lill-konvenut *ope sententiam*, u jekk okkorrendo jkun il-kaz tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jigu inkorporati l-effetti kollha ta' kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

***6.*** Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti l-beni kollha dotali u/jew parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u/jew jittiehed kont tal-valur taghhom fil-likwidazzjoni u apporzjonament tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, liema valur ghandu jitnaqqas mis-sehem spettanti lilu favur l-attrici fil-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija.

***7.*** Takkorda l-kura u l-kustodja tal-imsemmi minuri X B esklussivament lill-attrici.

BL-ISPEJJEZ u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat illi l-konvenut baqa kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet bl-applikazzjoni tal-Artikoli 48 et seq, ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kif ukoll talbiet relatati b'mod dirett mal-minuri iben il-

partijiet, u cioe' talba ghall-kura u l-kustodja tal-minuri u talba ghall-manteniment kemm ghall-istess rikorrenti kif ukoll ghall-minuri.

## VERZJONI RIKORRENTI

Ir-rikorrenti tikkontendi li hi u l-intimat zewgha zzewgu nhar is-27 ta' Lulju 2007 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit in atti[1]. Hi tghid li z-zwieg taghhom tfarrak minhabba li l-intimat irrenda ruhu hati ta' sevizzi, minacci, theddid, swat, adulterju u vizzji ohra li ghandu l-intimat fosthom id-drogi.

Ir-rikorrenti tghid li l-intimat biegh l-ghamara li biha kienu armaw il-post mikri wahdu. Tikkontendi wkoll li qabel ma zzewget lill-intimat kellha beni parafernali li jammontaw ghal Lm14,000, liema flus gew ghand ir-rikorrenti qabel iz-zwieg peress li qabel ma ltaqghet mal-intimat kienet gharusa lil haddiehor. Peress li dan tal-ahhar kien zamm id-dar li kienu xtraw flimkien, ir-rikorrenti hadet is-somma ta' Lm14,000 bhala sehemha mill-istess dar. Hi tghid li dan l-ammont intefaq fit-tieg, biex armat id-dar kif ukoll xtrat zewg karozzi. Ir-rikorrenti tghid ukoll li l-intimat kien jigbed minn dawn il-flus minghajr ma kienet taf ghaliex kienet tafdah bil-*card* u l-*pin* peress li kien hemm zmien meta kienet ma tiflahx.

Dwar il-minuri, r-rikorrenti tghid li dejjem hadet hsiebu hi filwaqt li l-intimat qatt ma hallas xi forma ta' manteniment, minkejja d-digriet moghti minn din il-Qorti. Tghid ukoll li l-intimat qatt ma wera interess fil-minuri u ghalhekk, tiehu hsiebu wahedha.

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM IL-QORTI

Il-Qorti tinnota li l-intimat, minkejja li kien debitament notifikat bil-kawza odjerna, baqa' qatt ma prezenta risposta u ghalhekk huwa kontumacji f'dawn il-proceduri.

[1] Ara a fol 4 tal-process

Min-naha taghha, l-attrici taghti l-verzjoni taghha tal-fatti kif graw u kif dawn wasslu ghall-firda bejn il-partijiet, tipprezenta kopja legali tas-sentenza ta' din il-Qorti hekk kif diversament preseduta u li permezz taghha iz-zwieg bejn il-partijiet gie dikjarat null u invalidu fil-ligi izda tinnota li dwar l-allegazzjoni taghha relatata mal-assi parafernali, r-rikorrenti ma ggib ebda prova, ad eccezzjoni tax-xhieda guramentata taghha. Il-Qorti thoss li x-xhieda taghha bil-gurament, ghalkemm ghandha l-piz taghha, mhix bizzejjed sabiex twassal lil din il-Qorti sabiex tikkonvinci ruhha sal-grad rikjest mill-ligi li l-attrici verament ghandha kreditu parafernali ta' Lm14,000. Ir-rikorrenti tghid li dan l-ammont gie minn bejgh ta' dar li hija kellha mal-gharus precedenti taghha u li jissemma b'ismu fil-mori tal-proceduri, izda l-istess rikorrenti naqset milli ggib lil dan ir-ragel bhala xhud taghha sabiex jikkonferma x-xhieda u l-verzjoni taghha, kif wara kollox naqset milli tipprezenta xi forma ta' dokument li minnu setghet tipprova li verament kellha dan l-ammont bhala proprjeta' parafernali taghha.

**DWAR IT-TALBA GHALL-KURA U L-KUSTODJA FAVUR IR-RIKORRENTI**

Il-Qorti terga' tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat m'ghandu ebda interess li jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri, tant li lanqas biss ipprezenta risposta ghat-talba tar-rikorrenti. Minkejja li ghalhekk, jirrizulta li m'hemmx kontestazzjoni dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, il-Qorti tirrileva, kwistjonijiet ta' natura daqshekk delikata dwar il-minuri, trid necessarjament tittiehed fl-ahjar interessi tal-minuri u dan qieghed jinghad in linea tal-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[2] u **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[3] fejn gie ritenut li:

"***Il-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew fil-ligi antika, sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza***

[2] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)

[3] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) (Cit Nru 1715/2001)

***estera, u f'dik lokali, hija regolata mill-principju ta' l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess ta' l-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. In konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew meta l-konjugi jisseparaw ruhhom gudizzjarjament, sew meta jigu biex jisseparaw konsenswalment***".

Il-Qorti imbaghad kompliet telabora l-kwistjoni tal-kura u l-kustodja f'kaz li l-genituri tal-minuri ma jibqghux jghixu taħt l-istess saqaf u l-istess Qorti ddikjarat li:

"***Il-kura u l-edukazzjoni tat-tfal, fil-kaz li l-mara ma tibqax tghix mar-ragel, trid dejjem tigi affidata lil dak, fost il-mizzewgin li jigi rikonoxxut bhala aktar adatt u idoneju sabiex jikkurahom u jedukahom, tenut kont ta' l-eta` ta' l-istess tfal u c-cirkostanzi kollha tal-kaz taht dawk il-provvediment li jigu kkunsidrati ghall-vantagg ta' tali tfal***".

Il-Qorti tirrileva li hekk kif il-Qorti tispjega fid-dettal aktar 'il quddiem, tiddikjara li hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li huwa fl-ahjar interessi li jkun fdat fil-kura u l-kustodja tar-rikorrenti ommu, li sa' minn mindu twieled dejjem hadet hsiebu bl-ahjar mod li setghet, filwaqt li l-intimat kellu problemi mentali (kif jirrizulta wkoll mill-istess sentenza ta' annullament msemmija aktar 'il fuq) kif ukoll wera nuqqas ta' interess fl-istess minuri. Ghaldaqstant il-Qorti hija konvinta li huwa fl-interessi supremi tal-minuri li jkunu taħt il-kura u l-kustodja esklussiva tar-rikorrenti ommu, b'access favur l-intimat missieru taħt supervizjoni tal-Agenzija Appogg jew ta' xi agenzija ohra li fiz-zmien opportun tkun qieghda taghti tali servizz.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta' annullament msemmija aktar 'il fuq u konsegwentement tirrileva li gialadarba z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null u bla effett

fil-ligi, r-rikorrenti m'ghandha ebda dritt ta' manteniment minghand l-intimat.

**DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-MINURI**

Din it-talba hija konsegwenzjali ghat-talba relatata mal-kura u l-kustodja tal-minuri. Gialadarba, il-Qorti qieghda tiddeciedi li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f'idejn ir-rikorrenti b'mod esklussiv, allura dan necessarjament ifisser li l-intimat ghandu jikkontribwixxi ghall-ghixien ta' wliedu billi jhallas manteniment favur ir-rikorrenti ommhom. Dan qieghed jinghad in linea ta' gurisprudenza, fosthom il-kawzi fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[4] u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[5] fejn saret referenza ghal:

Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

"***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

[4] Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)
[5] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom."

Certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skond id-dettami tal-ligi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Illi il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-minuri m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, jidher li z-zewg partijiet ghandhom problemi finanzjarji *stante* li r-rikorrenti tiddikjara li m’ghandhiex impjieg filwaqt li dejjem skond it-tezi tal-istess rikorrenti, l-intimat marad u prezentement jghix bl-ghajnuna socjali. Tenut kont ta’ dan kollu, kif diga’ gie rilevat, il-minuri ghandu d-dritt li jghix u jghix hajja tajba u ghalhekk, fic-

cirkustanzi tal-kaz, il-Qorti thoss li l-intimat ghandu jikkontribwixxi ghas-somma ta' €250 fix-xahar bhala manteniment ghall-istess wild, liema manteniment ghandu jithallas kull l-ahhar tax-xahar.

**DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMAT**

Illi l-Qorti dwar din it-talba, terga' taghmel referenza ghal dak citat aktar 'il fuq u cioe' s-sentenza ta' annullament bejn il-partijiet u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba fil-konfront tal-intimat.

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Illi permezz tan-nota guramentata taghha r-rikorrenti tiddikjara li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti m'hemm xejn u dan ghaliex, (dejjem kif tikkontendi l-istess rikorrenti) l-intimat kien biegh wahdu il-mobbli kollha li nxtraw fiz-zwieg bil-ghan li jarmaw il-post mikri li kellhom. Izda kif il-Qorti kellha diga' l-opportunita' li tirrileva, ma giet prezentata ebda prova relattiva ghall-ghamara li ssemmi r-rikorrenti jew ghal xi beni parafernali li l-istess rikorrenti allegatament kellha. Fid-dawl ta' tali nuqqas ta' prova, il-Qorti ma thossx li jkun gust u ekwu li tiddikjara li r-rikorrenti ghandha xi kreditu parafernali. Jibqa' biss li jirrizulta li ma hemm ebda prova dwar xi dejn li seta' sar minn xi wiehed mill-partijet ad insaputa tal-parti l-ohra. F'dawn ic-cirkustanzi, il-Qorti thoss li huwa gust li f'kaz li jirrizulta xi dejn li jirrisali ghall-komunjoni tal-akkwisti, dan ghandu jkun imhallas b'mod esklussiv minn dik il-parti li tkun kontrattat tali dejn.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-intimat u

tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tghix separatament minn mal-intimat;

[2] Tilqa’ it-tieni talba hekk kif mizjuda u awtorizzata permezz ta’ digriet tal-24 ta’ Marzu 2010 u tordna illi l-kura u kusotdja tal-minuri X B ghandha tigi fdata esklussivament f’idejn r-rikorrenti u takkorda access favur l-intimat kif spjiegat aktar il-fuq;

[3] Tilqa’ it-tielet talba limitatament ghal dak li jirrigwarda manteniment tal-minuri u tiffisa l-manteniment fir-rata ta’ €250 kull xahar, liema manteniment ghandu jinqata’ direttament mis-salarju tal-intimat u joghola kull sentejn skond l-indici tal-gholi tal-hajja;

[4] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ u l-hames talbiet;

[5] Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet li dwarha ma ngabet ebda prova izda b’dan illi jekk jirrizulta xi dejn li jirrisali ghall-komunjoni tal-akkwisti, dan ghandu jkun imhallas b’mod esklussiv minn dik il-parti li tkun kontrattat tali dejn;

[6] Tichad is-sitt talba *stante* li din ma gietx sufficjentement pruvata;

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------